MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Numru 1409/2007

IL-PULIZIJA
SPETTUR CARMELO BARTOLO
VS
ANDREW ELLUL

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrew Ellul, ta’ 58 sena, bin Philip u Maria nee’ Caruana, imwieled Hal Luqa, fil-5 ta’ Lulju 1949, residenti ‘12’, Triq il-Gzira, Birzebbugia, u detentur ta’ karta ta’ l-identita numru 624649(M)

U akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, matul il-perijodu ta’ bejn l-24 ta’ Novembru, 2002 u x-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, kif ukoll bil-persuna, sar ghad-

detriment tad-dirigenti tal-kumpanija bl-isem Emanuel Delicata and Sons Ltd u/jew Emanuel Delicata Wine Maker Ltd.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghat l-ammisjoni ta' l-imputat;

Semghat il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti tat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti issib l-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 261, 267, 268, 270 Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta Artikolu 22 Kap.446, tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat huwa ragel anzjan, il-fatt illi ghandu fedina penali nadifa, l-fatt illi rregistra ammissjoni bikrija u in vista tal-valur minimu tal-oggetti misruqa mill-imputat. Il-Qorti tirrikomanda in vista ta' l-eta' ta' l-imputat u ta' cirkostanzi kollha tal-kas illi l-imputat ma jitlifx l-impieg tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------